MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Numru 22/2015

Il-Pulizija

Spettur Saviour Baldacchino

vs

Mario Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 203165m akkuzat talli:

1. kkomettejt serq ta' *pouch* kontenenti flus minn go vettura tal ghamla Kia bin-numru ta' registrazzjoni EAH 824 ghad-detriment tal-kumpanija Golden Harvest, tas-sur Lewis Mizzi u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi (€2,329.37), bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa, (Art. 264(1), 279(b), 271(g));

2. b’mezzi xort’ohra, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg, mobbli jew immobbli u cioe hsara ta’ hgiega u tal-bieba tal-vettura bin-numru ta’registrazzjoni EAH-824 liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment tal-kumpanija Golden Harvest , tas-sur Lewis Mizzi u/jew persuni ohra, (art.325 (1)(b);
3. rrendejt lilek nnifsek recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula;

F’kas ta’ sejbien ta’ htija, il-Qorti hija mitluba tikkunsidra li Mario Farrugia wettaq dan id-delitt waqt perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija ta’ tmintax il-xahar sospiza ghal-tlett snin li kienet mghotija lilu minn Magistrat (iilum Imhallef) Dr. J Padovani LLD. nhar 16 ta’ Novembru 2000.

Semghat lill-imputat, jirregistra ammissjoni, f’din l-ewwel udjenza, li nqratlu l-akkuza fuq liema ammissjoni nsista anke wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata, ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 261(c)(g), 264(1), 279(b), 271(g), 279(a), 280(1), 325(1)(b), 17(h), u 28 B tal-Kap 9; tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l –Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------